**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 26 ta' Novembru 2017**

**Pulizija**

**Spettur Jeffrey Scicluna**

**Spettur Daryl Borg**

**Vs**

**Tita Budescu**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Tita Budescu, bint Gheorghe u Elena mwielda fir-Rumanija nhar id-9 ta' Lulju 1949, residenti f'indirizz hux maghruf u detentrici tal-passaport Rumen bin-numru 087672531;

Talli:

1) Nhar l-24 ta' Novembru, 2017, bejn l-ghaxra w il-hdax ta' filghodu (10:00hrs – 11:00hrs) gewwa Triq it-Tezorerija fil-Belt Valletta u/jew f'inhawi ohra ta' dawn il-gzejjer, ikkomettiet serq ta' telephone cellulari ghad-dannu t'Anita Schembri u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, liema valur ma jiskorrix il-€232.94;

2) U aktar talli nhar l-24 ta' Novembru, 2017, kif ukoll fil-jiem u gimghat ta' qabel f'post pubbliku mmolestat nies biex titlob karita;

3) U aktar talli rrendiet ruhha recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li giet misjuba hatja b'sentenza moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenza saret deifinittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni f'dawn il-proceduri, fis-26 ta' Novembru 2017, li giet ikkonfermata minnha wara li nghatat iz-zmien xieraq skont il-ligi sabiex tikkonsidra sew l-ammissjoni taghha, u wara li l-Qorti wissietha solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 49, 50, 284, 289 u 338(x) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputata;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmija mputata hatja tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundannha ghal sitt xhur prigunerija.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputata.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**